MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Numru 816/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa`**

**V**

**JOSEF BONELLO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEF BONELLO** ta' 22 sena, bin Alfred u Carmela nee` Pulis, imwielda Pieta` fid-29 ta' Dicembru 1982, residenti fi 19, 'Seven Seas', Triq id-Dukkar, Zabbar, u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 52283(M) gie mressaq quddiemha akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta' Lulju, 2005, mexxa biljett tal-flus Maltin falsifikat, meta kien jaf li hu falsifikat;

U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki

foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingan, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10) ghad-dannu ta’ Bernice Decelis, detentrici tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 141888(M);

Kif ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, f’diversi granet matul Lulju 2005, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljett tal-flus Maltin falsifikat, meta kien jaf li l-istess biljett tal-flus kien falsifikat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta’ llum 9 ta’ Gunju, 2006 .

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat u fuq tali ammissjoni l-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti tat zmien xieraq sabiex l-imputat jikkonsidra l-ammissjoni tieghu, pero` ghalkemm inghata dan iz-zmien l-imputat insista li jirregistra l-ammissjoni tieghu, u dana fil-prezenza ta’ l-avukat tieghu.

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ikkollabora bis-shih taghha tul din l-investigazzjoni sa minn meta huwa rrilaxxja l-Istqarrija tieghu esibita fl-atti u mmarkata bhala Dokument AG.

Rat illi l-ammont ta’ flus foloz involut f’dan il-kaz kien biss karta wahda ta’ ghaxar liri (Lm10).

Rat il-fedina penali netta ta’ l-imputat, minghajr l-ebda reat jew kontravvenzjoni registrati fuqha, u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha tittratta mieghu bhala *a first time offender*.

Il-Qorti ma thossx illi hi ghandha tapplika piena karcerarja, izda ghandha tapplika l-provvediment tal-*Probation Order*.

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi, u cjoe` l-artikoli 184, 186, 308, 310(1)(c), 533, u wara li tiddikjara li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perijodu ta’ sentejn millum ai termini ta’ l-artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni li tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta’ periti u esperti maghmula ai fini ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti rat li ma kien hemm l-ebda nomina maghmula f’dan ir-rigward, u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ tali talba.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska tad-dokumenti esibiti, il-Qorti tordna l-konfiska tal-karta ta’ l-ghaxar liri (Lm10) esibita llum bhala Dok. AG1.**

**Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta illi din is-sentenza u l-atti kollha tal-kawza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------